



**BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tal-11 ta' Frar, 2005**

**lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banco de Portugal**

**(BĊE/2005/3)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-Artiklu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Ewrosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea approva lil PricewaterhouseCoopers – Auditores e Consultores, Lda. bħala l-awdituri esterni tal-Banco de Portugal fid-Deċiżjoni tiegħu 1999/70/KE tal-25 ta' Jannar, 1999, dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali<sup>1</sup>.
- (3) Skond bidla riċenti fil-liġi Portugiża, il-verifika tal-kontijiet għandha issa ssir esklużivament minn *revisores oficiais de contas* (awdituri ċertifikati). Bħala konsegwenza l-Banco de Portugal jikkunsidra li huwa xieraq li jissostitwixxi lil PricewaterhouseCoopers – Auditores e Consultores, Lda. bi PricewaterhouseCoopers & Associados – Sociedade de Revisores Oficiais de Contas, Lda., billi din ta' l-ewwel m'għandhiex l-istat ta' awdituri ċertifikati. Il-BĊE m' għandu l-ebda oġġezzjoni għal din is-sostituzzjoni.
- (4) M'hemm l-ebda bidla fit-tul taż-żmien tal-mandat ta' l-awdituri esterni,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L 22, 29.1.1999, pġ. 69. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2004/651/KE (ĠU L 298, 23.9.2004, pġ. 23).

PricewaterhouseCoopers & Associados – Sociedade de Revisores Oficiais de Contas, Lda. huma rrikkmandati bħala l-awdituri esterni tal-Banco de Portugal mis-sena finanzjarja 2004 għal perjodu li jigggedded ta' sena.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-11 ta' Frar, 2005.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET